VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,918, 12 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 360 tal-2017

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Ordni tal-2017 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10(3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2017 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży (Emenda Nru 2), u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ewwel Skeda".

Kap. 101.

Jemenda l-Ewwel Skeda.

2. It-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-partita "BEZITRAMIDE" tagħha, għandha tiżdied il-partita "BUTYRFENTANYL, *N*-phenyl-*N*-[1-(2-phenylethyl)-4-piperidinyl]butanamide"; u

(b) minnufih wara l-partita "TRIMEPERIDINE" tagħha, għandha tiżdied il-partita "U-47700, 3,4-dichloro-*N*-(2-dimethylamino-cyclohexyl)-*N*-methyl-benzamide".